MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2364/2003

**Salvu Galea u martu Teresa Galea**

**Vs**

**Mario Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu s-somma ta' Lm1,466.12c (elf erba' mija u sitta u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

“Jiena kont qieghed insuq fit-Triq l-Indipendenza, Mosta sejjer lejn l-Imgarr. Quddiemi kien hemm vann. Meta qrobt lejh u sinjal abjad li hemm fit-triq ma baqax kontinwu ddecedejt li naqbzu. Kif kont qed naqbzu dan kiser ghall-Triq il-Mithna l-Qadima minghajr ma ghamel sinjal u sussegwentement dahal fuq il-genb tal-vettura tieghi.”

Il-konvenut qal:

“Jiena kont gej minn Triq l-Indipendenza, Mosta. Kont bl-intenzjoni li nikser ghal go Triq il-Mithna l-Qadima. Fil-fatt bdejt nindika li ser indur, meta f’daqqa hekk kif kont qed nikser giet il-vettura l-ohra li kif qabzitni habtet mal-vann.”

Ra x-xhieda ta’ PS 496 Godwin Borg fejn ikkonferma li nvestiga l-incident u jghid illi ma hax kejl kif suppost ghaliex wara l-incident kien hemm panic shih.

Ra x-xhieda ta’ Salvu Galea fejn ikkonferma li qal fir-*Road Accident Report* izda ma qabilx ma’ l-iskizz. Ighid illi l-konvenut kien fi Triq il-Mithna l-Qadima u mhux fi Triq Vjal l-Indipendenza. Galea jghid li ma kien hemm xejn li jipprojbixxi li hu jaqbez li jrid. Ikkonferma illi ha decizjoni biex jaqbez lill-konvenut fejn kien hemm is-sinjali tan-nofs maqtughin.

Ra x-xhieda ta’ Theresa Galea li kienet *front seat passenger* fejn tghid illi t-triq kollha kienet bil-line maqtugh. Tghid illi kif waslu magenb il-vann tal-konvenut, il-konvenut dar fuq il-lemin tieghu u gara l-impatt. Fil-kontro-ezami tghid li s-*side road* kienet izjed ‘l isfel minfejn iddecieda li jaqla’ Salvu Galea.

Ra xhieda ohra ta’ Salvu Galea fejn esebixxa ritratti tat-triq u jghid li ma jafx li regghu ghamlu l-linji wara l-incident.

Ra x-xhieda ta’ Jesmond Falzon li huwa l-imghallem ta’ Salvu Galea, fejn ighid li kien mar fuq il-post wara l-incident u ma jaqbilx ma’ l-iskizz. Ikkonferma illi s-sinjali f’nofs it-triq kienu maqtughin.

Ra x-xhieda ta’ Michael Scicluna li jahdem ma’ l-attur li kien qieghed fuq il-post ta’ l-incident u jaqbel ma’ l-iskizz hlief li jghid li l-vann kien taht il-hajt.

Ra x-xhieda tal-konvenut Mario Farrugia fejn ikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Ighid ukoll li d-*dotted line* huma hemmhekk biex il-karozzi jkunu jistghu jduru fuq il-lemin. Jaqbel ma’ l-iskizz pero’ jghid illi l-brake kien ‘il barra mil-line u cjoe’ beda u spicca fuq ir-*wrong side*. Il-habta saret fuq ir-*wrong side*.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawzi **Jurgen W. Dobler Vs Anthony Caruana tal-5 t’Ottubru, 1998 (Appell)** kif ukoll ghall-kawzi **F. Clarke Vs C. Aquilina (6.12.77), A. Sciberras Vs C. Zammit (13.7.78), E. Azzopardi Vs L. McCarthy (20.9.78), E. Deguara Vs J. Mallia (25.1.83), C. Gendrex Vs J. Vassallo (15.1.88) u T. Duca Vs F. Mifsud (15.6.88)**.

Dan it-Tribunal ikkunsidra li l-kawza prossima f’dan il-kaz, tinvolvi liz-zewg sewwieqa in kwantu kien is-sewqan negligenti u traskurat taghhom it-tnejn li kkontribwixxa b’mod determinanti ghall-akkadut anke jekk fi grad differenti. Negligenza u traskuragni li mhux biss kienu jimportaw infrazzjonijiet kontravenzjonali imma wkoll kienu materjalment ipprovokaw is-sinistru li ma kienx isehh li kieku almenu wiehed miz-zewg sewwieqa aderixxa skrupolozament ma’ dak li kien jimponi fuqhom is-sewqan attent u prudenti. Infatti certament l-attur kellu htija meta ttanta jissurpassa dan ghaliex ittanta s-surpass vicin *junction* meta kellu allura jkun prevedibbli ghalih li vettura quddiemu li kien intenzjonat li jissurpassa, setghet kellha l-hsieb li tikser lejn il-lemin biex tidhol fis-*side road*.

Mill-banda l-ohra l-konvenut kellu htija anke fi grad oghla mill-attur ghas-sinistru ghaliex kien obbligat li jkun pjenament a konoxxenza tal-pozizzjoni u tal-moviment tat-traffiku li jkun qed isegwih fil-mument meta jkun ser jittanta l-manuvra li kien intenzjonat li jaghmel. Manuvra li kienet timponi fuqu l-obbligu mhux biss li jirrallenta biex jiehu l-pozizzjoni tieghu biswit il-*junction* imma wkoll li jaccerta ruhu mill-moviment tal-vetturi kollha li jkunu

jsegwuh, waqt li jissenjala adegwatament x’kienet l-intenzjoni tieghu. **(Ara Mazengarb, On Negligence on the Highway, page 329 et seq)**.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jikkonkludi li r-responsabbilta’ ghall-incident ghandha tigi allokata kwantu ghal 2/3 (zewg terzi) fuq il-konvenut u kwantu ghal 1/3 (terz) fuq l-attur.

Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta’ Lm977.41c (disa’ mija u sebgha u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu). L-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal 2/3 (zewg terzi) ghall-konvenut u 1/3 (terz) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------